# HERITAGE MALTA TIRRESTAWRA BINJA STORIKA RARI FIL-KWARTIERI TAGĦHA STESS

**Stqarrija | 26 ta' Marzu 2026**

Heritage Malta waslet fl-istadji finali tar-restawr ta' binja storika li tinsab fid-daħla tal-kwartieri tagħha stess f'Bighi, il-Kalkara. Għalkemm żgħira, din il-binja tiġbed l-attenzjoni mill-ewwel minħabba l-forma mhux tas-soltu tagħha. Fil-fatt, hija waħda mill-aktar eżempji rari fl-arkitettura Maltija.

Il-binja tikkonsisti f'kamra waħda ottagonali li nbniet bil-ġebla tal-franka fl-1898 bħala parti mill-kumpless tal-Isptar Navali Ingliż. L-għan tagħha kien li tipprovdi spazju fejn uffiċjali tal-isptar, tobba u pazjenti setgħu jmorru jpejpu 'l bogħod mis-swali tal-isptar, u għalhekk kienet magħrufa bħala smoking shed'.

Pjanti storiċi juru li kienet teżisti 'smoking shed' oħra fin-naħa tal-isptar fejn illum hemm iċ-ċentru Esplora. Din kienet inbniet fl-1889, b'disinn kemxejn differenti minn dik li għadha kemm ġiet restawrata, iżda sfortunatament intilfet f'xi żmien wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Iż-żewġ 'smoking sheds' jidhru f'ritratt storiku li kien ittieħed mill-ajru biex jiddokumenta l-ħsarat tal-gwerra.

Il-valur tal-binja li ġiet restawrata ma jinsabx biss fil-ġmiel estetiku u fl-istorja tagħha iżda wkoll fis-sistema inġenjuża adottata fl-arkitettura tagħha. B'aperturi kbar fuq kull faċċata u b'saqaf magħmul mill-injam u ż-żingu, kienet tinħoloq ventilazzjoni passiva fejn l-arja sħuna u d-duħħan kienu jitilgħu lejn is-suffitt, jgħaddu mill-gradilja ċentrali u joħorġu mill-persjani fil-livell tal-gwarniċa, filwaqt li l-arja friska kienet tidħol mill-persjani tal-aperturi l-kbar. Fl-istess waqt, ir-riħ li jgħaddi mill-persjani tal-lanterna kien joħloq pressjoni baxxa fis-saqaf u jkompli jiġbed id-duħħan 'il fuq. Din kienet soluzzjoni innovattiva u sostenibbli ħafna għal żmienha.

Il-binja tirrifletti wkoll it-teknika u l-ħsieb tal-inġiniera Ingliżi li ddisinjawha. Dawn ma kinux imdorrijin jużaw il-ġebla tal-franka u għalhekk ma kinux jafdawha għalkollox f'ċerti aspetti strutturali. Fil-fatt, il-blajjet tal-aperturi għandhom travi żgħar tal-ħadid imdaħħlin fil-qiegħ tagħhom, għaliex l-inġiniera beżgħu li l-blata tal-franka mhix b'saħħitha biżżejjed biex iżżomm piż fuqha. Barra minn hekk, intużaw bħal staples kbar tal-bronż biex iżommu ż-żewġ filati tal-gwarniċa flimkien.

Matul is-snin, il-binja sofriet minn deterjorament sostanzjali, speċjalment fil-parti ta' fuq tagħha. L-ewwel interventi minn Heritage Malta biex ma ssirx aktar ħsara saru fl-2015. Dawn kienu jinkludu ż-żarmar u l-ħażna tal-istruttura tas-saqaf, il-gwarniċa tal-ġebel u l-aperturi, li lkoll intrefgħu fil-kwartieri ta' Heritage Malta f'Bighi stess.

Fl-2024, imbagħad, bdew ix-xogħlijiet ta' restawr li issa waslu fl-aħħar stadji tagħhom. Dawn ix-xogħlijiet kienu jinvolvu r-restawr tal-elementi tal-ġebla, l-aperturi, u l-istruttura tas-saqaf, li ġiet iddokumentata u żarmata biċċa biċċa biex kull

element tal-injam seta' jiġi trattat separatament u wara nbniet mill-ġdid skont it-teknika oriġinali. Matul ir-riċerka nstabu wkoll il-pjanti storiċi ta' din il-binja, li ntużaw bħala referenza waqt ix-xogħlijiet tar-restawr.

Ir-restawr ta' din l-istruttura huwa parti minn proġett maġġuri ta' riġenerazzjoni li Heritage Malta qed twettaq fil-kwartieri tagħha, fejn hemm l-uffiċċji amministrattivi u l-laboratorji tar-restawr u l-konservazzjoni. L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiġi restawrat l-isptar storiku tal-Qawwa Navali Rjali filwaqt li jinħoloq post tax-xogħol pjaċevoli fejn l-impjegati kollha jieħdu gost jaħdmu.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta